**Il-Milizzja tal-Immakulata** (M.I.) hija għaqda internazzjonali ta' Kattoliċi li waqqafha San Massimiljan M. Kolbe fl-1917.

**L-għan tal-Milizzja** hu li tgħin lin-Nisrani jgħix ħajja ta' konverżjoni bla waqfien, huwa u jimxi wara l-Mulej fuq il-mudell tal-Verġni bla tebgħa, li hi l-mara li semgħet u stenniet. Il-Milizzja tgħin lin-Nisrani jgħix b'kuraġġ u umiltà ħajja ta' spiritwalità missjunarja b'risq l-evanġelizzazzjoni tad-dinja. Ix-xenqa għall-miġja tas-Saltna ta' Alla fostna hija l-qalba tal-ideal Kolbjan.

**Il-mezzi tal-Milizzja huma:** it-talb, il-ħajja tal-grupp, u t-taħriġ bla hedu fil-karità, permezz tal-ħidma volontarja, lejn il-bnedmin imżebilħin fid-dinjità tagħhom. Hemm ukoll it-tixrid tal-istampa Marjana u d-devozzjoni lejn il-Midalja mirakuluża.

*Għal aktar informazzjoni:*


MILIZZJA TAL-IMMAKULATA
Fr Michael Attard
Kunvent San Franġisk
Triq San Franġisk
Rabat RBT 1061
Tel: 21454225
Mob: 99447731
E-mail:
frmichaelattard@gmail.com





2012

# MILIZZJA TAL-IMMAKULATA

## Intenzjonijiet 2012



# INTENZJONIJIET 2012

## *Ħajjitna hi don fid-dawl ta' Marija*

**JANNAR:**
Biex magħqudin ma' Kristu u miegħek, Marija, inkunu ħaddiema b'risq il-paċi u l-għaqda fl-ambjent fejn ngħixu.

**FRAR:**
Biex id-dinjità ta' kull persuna tingħaraf u tinħabb ukoll fin-niket u t-tbatija.

**MARZU:**
Biex żmien ir-Randan ikun għal kulħadd żmien li fih jirrifletti fuq l-għożża tal-ħajja u biex din niddefenduha minn tnissilha f'ġuf l-omm.

**APRIL:**
Biex il-qawmien ta' Kristu jurina s-sejħa tagħna li ngħixu bħala nies il-qawmien.

**MEJJU:**
Biex l-Ispirtu s-Santu jgħinna nagħrfu l-valur tad-dinjità tan-nisa.

**ĠUNJU:**
Biex mitmugħin bil-Mulej Ewkaristiku, nagħrfu li ġisimna huwa tempju ta' Alla li għandu jkun maħbub u miqjum.

**LULJU:**
Biex ngħixu bħall-Immakulata – b'imħabba attiva u ġentili mal-foqra, il-mitluqin u l-imwarrbin.

**AWWISSU:**
Biex nitgħallmu minn San Massimiljan M. Kolbe nagħtu lilna nfusna bla riserva lil kulħadd.

**SETTEMBRU:**
Biex il-ħajja sempliċi u moħbija ta' Marija turina l-ġmiel u d-dinjità tal-ħidma tagħna ta' kuljum.

**OTTUBRU:**
Biex San Massimiljan M. Kolbe jmexxina biex inkunu xhieda u missjunarji tal-imħabba u l-ħniena ta' Alla.

**NOVEMBRU:**
Biex it-tweġiba tagħna għas-sejħa tal-qdusija tkun l-għan ta' mixjitna.

**DIĊEMBRU:**
Biex il-Familja Mqaddsa tkun il-mudell u l-ħarsien tal-vokazzjoni ta' kull familja f'kull ġenerazzjoni.

***Verġni bla tebgħa, Omm tiegħi Marija,***
***jiena nġeddidlek illum u għal dejjem***
***il-konsagrazzjoni tiegħi nnifsi,***
***sabiex inti tiddisponi minni għall-ġid tal-erwieħ.***
***Biss nitolbok, Sultana tiegħi u Omm il-Knisja,***
***li jiena naħdem bil-fedeltà miegħek,***
***għall-miġja mixtieqa tas-Saltna***
***ta' Ġesù Kristu fid-dinja.***
***Noffrilek, għalhekk, o Qalb bla tebgħa ta' Marija,***
***it-talb, l-għemil u s-sagrifiċċji ta' dan il-jum...***

***Marija, imnissla mingħajr dnub, itlob għalina li niġu għandek u għal dawk li għandek ma jiġux, l-aktar għall-għedewwa tal-Knisja Mqaddsa u għal dawk li huma fdati lilek.***

